# "Leħen is-Sewwa" u l-Ortografija tagħna

Ma nistgħux ma nifirħux meta naqraw li "Leħen is-Sewwa" mill-1 ta' April ser jibda jinqeda bl-ortografija tagħna. Inħossu rwieħna ferħana u, biex ngħiduha wkoll, fl-istess ħin li l-ortografija tagħna—l-ortografija tal-kburin "Għaqda"—li, tul ħajjitha, min jaf kemm rat tfixkil u bsaten fir-roti, issa tinsab imxerrda ma' kullimkien: insibuha mgħallma fl-iskejjel, elementari, sekondarji, u fl-Università; insibuha fil-Pastoralijiet, maħruġin mill-Arċisqof Isqof ta' Malta u mill-Isqof ta' Għawdex; insibuha fil-kotba, fir-rivisti u fil-ġurnali li qed joħorġu; insibuha sa fil-kitba privata tan-nies li, sa ftit taż-żmien ilu, anqas biss ħolmu biha imma li l-lum li bdew jitgħallmuha, drawha u ma jiktbux ħlief biha. Aħna nifirħu xħin naraw b'liema mħabba u b'liema qawwa l-ortografija tagħna xenxlet għeruqha fil-ħajja maltija.

Ta' min iġib hawn taħt dak li "Leħen is-Sewwa" qal fil-ħarġa ta' Marzu, 1941:

> "Issa ċ-ċirkustanzi tbiddlu ħafna favur l-ortografija tal-"Għaqda": (a) iż-żgħażagħ li telgħin kollha tgħallmu jiktbu u jaqraw biha, (b) kull ħaġa li tiġi stampata hi miktuba biha; (ċ) dawk li kienu mdorrijin bl-ortografija antika l-lum naqsu jew draw ukoll dik il-ġdida.

> "Għal dawn ir-raġunijiet dehrilna li l-ġid ta' kulħadd irid li aħna wkoll inbiddlu l-ortografija tagħna u dan nagħmluh għaliex naħsbu li b'hekk il-ġurnal tagħna jista' jaqdi aħjar il-missjoni tiegħu."

Hix tassew rebħa kbira din għall-ortografija tagħna?

# "Ġabra ta' Qari Malti"

Bil-ħsieb li nkabbru u nxerrdu l-letteratura ta' lsienna, u bit-tama kbira li l-ħidma tagħna tkun tiswa ta' ġid fit-tiswir ta' kultura letterarja tabilħaqq maltija, irridu nindaħlu għal biċċa xogħol imwiegħra daqs kemm sabiħa, u nagħtu f'idejn il-poplu Malti kotba miktubin bis-sengħa u mirquma bil-qawwa tal-ħsieb. Ma rridux li r-rumanz Malti jieqaf sa fejn wasal; irridu nkabbruh, immexxuh aktar 'il quddiem u ngħallmuh lill-ġenerazzjoni li tielgħa.

Taħt ir-ras "ĠABRA TA' QARI MALTI" aħna biħsiebna nibdew noħorġu għadd ta' rumanzi—rumanz kull tliet xhur—miktubin kif titlob is-sengħa. Għandna nittamaw li dawn il-kotba jkunu ta' siwi u ta' ġid għal ilsienna daqs kemm kienu l-kotba maħruġa mit-tabib Ġuże Bonniċi li, Alla jagħtih il-Ġenna, min jaf kemm ħadem u kemm ħabrek biex jarfa' l-Ilsien Malti mit-tajn tal-għajb u tat tkażbir.

Imma biex il-ħsieb tagħna jseħħ kif nixtequh, neħtieġu l-għajnuna tal-**qarrejja** u tal-**kittieba**.

## KOTBA OĦRA

Minbarra r-rumanzi, għandna ħsieb ukoll li 'l quddiem noħorġu *kotba tal-poeżija* miktuba mill-aħjar poeti tagħna; *drammi* u *kotba ta' tagħlim*, uħud minnhom maqluba minn ilsna barranija.

Ma kont qatt nasal li nagħmel dan il-ħsieb u nidħol għal biċċa xogħol bħal din li kieku ma kienx it-taħbit li tħabat u l-għajnuna finanzjarja li weghidni s-Sur A. Saliba li ser ikun l-Editur tal-"Ġabra ta' Qari Malti".

## ŻEWĠ EDIZZJONIJIET

Il-"Ġabra" ser ikun fiha *żewġ edizzjonijiet*: waħda rħisa u l-oħra *de luxe*. L-edizzjoni rħisa tkun imqassma f'faxxikli tas-16-il paġna l-wieħed li joħorġu darba fil-ġimgħa—1d. kull faxxiklu. L-edizzjoni *de luxe* tkun fi ktieb sħiħ, mitbugħ fuq karta tajba u illegat sabiħ. Kull ktieb jinbiegħ 1/6d. *Ma għandniex xi ngħidu dawn il-kotba aħna nibdew noħorġuhom kemm-il darba l-abbonati jlaħħqu għadd sabiħ.* Mela fittxu ssieħbu f'din il-"Ġabra" u tkunu qed tagħmlu ġid lill-Malti u lil Malta.

Dawk li jixtiequ jissieħbu u dawk li jridu xi tagħrif iehor dwar il-"Ġabra ta' Qari Malti" għandhom jiktbu:

*Lis-Sur Anton Saliba,*
*Editur tal-"Ġabra ta' Qari Malti"*
*Popular Printing Press,*
*142, Strait Street, il-Belt.*

ĠUŻÈ CHETCUTI